

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 738/2000

tas-7 ta' April 2000

li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' xi prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

(ĠU L 87, 8.4.2000, p. 10)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1610 tat-13 ta' Settembru 2022	L 241	3	19.9.2022

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 738/2000****tas-7 ta' April 2000****li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' xi prodotti fin-Nomenklatura
Magħquda***L-Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda mehmuża huma issa klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċijiet NM murija fil-kolonna 2 ta' l-iskeda msemmija.

L-Artikolu 2

L-informazzjoni dwar it-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 għurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal *Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



L-ANNESS


Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġuni
(1)	(2)	(3)
1. Prodott flessibbli użat għat-temperatura — distribuzzjoni kontrollata ta' gassijiet u likwidi. Huwa jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin mill-ġewwa 'l barra) — tubu tal-plastik flessibbli sabiex jiġi trasportat il-materjal, li għandu pressa minima ta' 27,6 MPa — filament, li huwa separat mit-tubi tat-trasport minn folja ta' l-aluminju — saff ta' folja ta' l-aluminju, li jkopri t-tubu tat-trasport, il-filament u folja ta' l-aluminju — wajer oħxon ta' l-elettriku iżolat għall-kontroll tal-filament — saff ta' materjal tas-suf — kopertura minn barra ta' materjal sintetiku flessibbli Il-prodott huwa importat f'tul mingħajr apparat	3917 31 90	Klassifikazzjoni hija determinata mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1,3b u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 8 għall-Kapitolu 39 u l-kliem ta' Kodiċi NM 3917, 3917 31 u 3917 31 90 It-tubu tal-plastika, li huwa element deċisiv għat-trasport ta' materjal, jagħti lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu
2. Prodott flessibbli użat għad-distribuzzjoni kkontrollata għat-temperatura ta' gassijiet u likwidi. Huwa jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin (minn ġewwa 'l barra): — sorra ta' tubi tal-plastika flessibbli għall-materjal ta' trasportazzjoni — filament, li huwa separat mit-tubi tat-trasport minn folja ta' l-aluminju — saff ta' folja ta' l-aluminju, li jkopri t-tubi tat-trasport, il-filament u folja ta' l-aluminju — wajer oħxon ta' l-elettriku iżolat għall-kontroll tal-filament — saff ta' materjal tas-suf — kopertura minn barra ta' sintetiċi flessibbli materjal Il-prodott huwa importat f'tul mingħajr apparat	3926 90 99	Klassifikazzjoni hija determinata mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1,3b u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem ta' Kodiċi NM 3926, 3926 90 u 3926 90 99 In-numru ta' tubi tal-plastika, li huma elementi deċisivi għat-trasport ta' materjal, jagħti lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu
3. Vettura li jerfa' b'sistema idrolika apparat mgħammar ma' pjattaforma fejn isir ix-xogħol Il-vettura jikkonsisti f'qafas ta' vannijiet b'kabina għas-sewwieq u l-passiġġieri. Jaħdem b'magna diesel. Huwa tajjeb għas-sewqan fuq toroq pubbliċi indipendentement	8705 90 90	Klassifikazzjoni hija determinata mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem ta' Kodiċi NM 8705, 8705 90 u 8705 90 90 Il-vettura hija vettura tal-mutur li għandha għan speċjali ta' intestatura 8705

▼B


Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġuni
(1)	(2)	(3)
L-apparat li jerfa' huwa mġhammar permanentement fuq il-vettura. Jikkonsisti minn jib teleskopiku għall-movimenti vertikali, li jistgħu jiduru. Għandu pjattaforma li taħdem ta' qies 0,60 m x 1,20 m, u rixtelli ta' sigurtà. Il-kontrolli ta' apparat li jerfa' huma merfu-għa fuq pjattaforma. Il-vettura għandha 4 stabilizzaturi retractable li qegħdin fuq l-art meta l-apparat li jerfa' jkun qed jintuża L-apparat li jerfa' għandu għoli massimu ta' 12 m u jista' jerfa' sa 325 kg Ara stampa A (*)		
4. Vettura armata b'apparat li juża l-idrolika biex jerfa' mġhammar ma' pjattaforma li tin-tuża għax-xogħol u frieket Il-vettura għandha mutur li jaħdem bil-batterija u huwa użat sabiex iħaddem l-apparat li jerfa' u jmexxi l-vettura. Il-kontrolli ta' l-apparat li jerfa' huma merfu-għa fuq pjattaforma li fuqha jsir ix-xogħol Il-vettura mhux tajba għas-sewqan fuq toroq pubbliċi L-apparat li jerfa' għandu għoli massimu ta' 2,50 m u jista' jerfa' sa 1 200 kg Ara stampa B (*)	8427 10 10	Klassifikazzjoni hija determinata mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem ta' Kodiċi NM 8427, 8427 10 u 8427 10 10 Din il-vettura awtomoventi hija ddisinjata għat-trasport ta' oġġetti, kif ukoll sabiex jintrefgħu oġġetti u persuni
▼M1		
▼B		
6. Apparat li juża l-idrolika biex jerfa', għandu 4 roti mġhammar ma' pjattaforma li taħdem L-apparat li jerfa' għandu mutur li jintuża sabiex iħaddem il-jib li jerfa' biss. Il-kontrolli tal-jib teleskopiku huma merfugħa fuq pjattaforma li taħdem Il-vettura għandha 4 stabilizzaturi retractable li qegħdin fuq l-art meta l-apparat jkun qed jin-tuża. M'għandiex mutur għas-sewqan. Mhix tajba għas-sewqan fuq toroq pubbliċi L-apparat li biex juża l-idrolika huwa jib teleskopiku għall-moviment vertikali. Għandu pjattaforma li taħdem ta' qies 0,66 m x 0,66 m u rixtell ta' sigurtà L-apparat li jerfa' għandu għoli massimu ta' 12,8 m u jista' jerfa' sa 160 kg Ara stampa D (*)	8428 90 98	Klassifikazzjoni hija determinata mid-dispożizzjonijiet ta' Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-Kliem tal-Kodiċi NM 8428, 8428 90 u 8428 90 98 Dan huwa apparat li jerfa' li mhux awtomoventi u l-anqas tajjeb għat-trasport ta' oġġetti. Huwa ddisinjat sabiex jintrefgħu oġġetti u persuni biss

(*) L-istampi huma purament għall-informazzjoni.

▼ B



A



B

► ⁽¹⁾ ◀



D

► ⁽¹⁾ M1